A.L. 125 ta' l-2006

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2006 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. I.T. (Hons) – u ta' Bachelor of Science in Information Technology – B.Sc. I.T. – taħt il-patroċinju tal-Bord ta' l-Istudji għall-Information Technology

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Istudji għall-Information Technology bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2006 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. I.T. (Hons) – u ta' Bachelor of Science in Information Technology – B.Sc. I.T. – taħt il-patroċinju tal-Bord ta' l-Istudji għall-Information Technology, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda ma' l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. I.T. (Hons) – u ta' Bachelor of Science in Information Technology – B.Sc. I.T. – taħt il-patroċinju tal-Bord ta' l-Istudji għall-Information Technology, ippubblikati bħala Avviż Legali 187 ta' l-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew f'Ottubru 2004 jew wara.

Emenda għall-ordinament 10 ta' l-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) ta' l-ordinament 10 ta' l-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad bl-Unuri għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fl-erba' snin tal-Kors, li jingħataw piż kif ġej:

Il-Marka Medja Mwieżna ta' l-Ewwel Sena	20%
Il-Marka Medja Mwieżna tat-Tieni Sena	20%
Il-Marka Medja Mwieżna tat-Tielet Sena	30%
Il-Marka Medja Mwieżna tar-Raba' Sena	30%."